FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 673/01JR**

**Dingli Company International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Carmelo Gauci Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' mija u tnejn liri Maltin disgha u ghoxrin centezmu (Lm102.29) kwantu ghal tminja u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm88.95) Royalty u tlettax-il lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm13.34) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru 9766 (Dok "A") rilaxxata**

mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Carmelo Gauci, ghall-perjodu mis-6 ta' Marzu, 2001 sal-5 ta' Marzu, 2002.

Is-socjeta' attrici tablet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentax risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda ta' Angela Sciberras ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn liri Maltin disgha u ghoxrin centezmu (Lm102.29) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Marzu, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**